MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2007

Avviz Numru. 207/2005

**Charles Gauci ID 459342(M) u martu Grace Gauci ID 217645(M)**

**vs**

**Frans u Doris konjugi Azzopardi**

## Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fit-13 ta' April 2005 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' tlett elef, mitejn u disa' liri Maltin (Lm3209.00), prezz ta' flieles u tigieg lilhom mibjugha u konsenjati bejn il-perijodu Gunju 2004 u sa Novembru 2004, bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Frar 2005.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-11 ta' Frar 2005 u tal-mandat ta' Qbid u dak tas-Sekwestru pprezentat fit-13 ta' April 2004 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti Frans u Doris konjugi Azzopardi fejn eccepew:

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez stante illi l-eccipjenti m'ghandhom jaghtu xejn lill-atturi.

2. Illi kull meta l-eccipjenti xtraw il-flieles minghand l-atturi, l-eccipjenti dejjem hallsuhom ghas-saldu.

3. Illi f'kull kaz kwalsiasi kuntratt ta' bejgh li talvolta seta' sar fiz-zmien bejn il-partijiet huwa null u bla ebda effett stante illi l-kawza hija illecita.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi b'nota pprezentata fis-7 ta' Frar 2006 (fol 19) l-atturi rriducew it-talba ghal Lm3196.07 wara li ghamlu revizzjoni tal-kontijiet.
Irrizulta mill-provi illi l-atturi qeghdin fin-negozju tal-agrikoltura u jrabbu t-tigieg ghal qatla. Spjega kif jixtri ammont ta' flieles meta dawna jkunu ta' ftit sieghat u jrabbihom ghal sitt gimghat meta jkunu lesti ghal qatla. Spjega s-sistema li kellu mal-konvenuti fis-sens illi dawn kienu jhallsu b'lura. Ta b'kollox sitt konsenji. Thallsu l-ewwel tnejn izda l-ahhar erba' ma thallsux. Barra minn dan il-konvenuti hallsu hames mitt lira. Wara li ghamlu l-kontijiet relattivi u esebew il-prospett kif jidher a fol 20 irrizulta illi l-ammont li l-atturi ghandhom jiehdu huwa Lm3196.07. Dan waslu ghalih anke wara li saru laqghat bejn l-atturi u l-konvenuti fejn a fol 23A hemm kont maghmul mill-mara tal-konvenut.

Fl-eccezzjoni tieghu l-konvenut qal li t-talba ta' l-atturi kellha tigi michuda peress illi tirrizulta mill-kawza llecita. Dana bl-ebda mod ma rrizulta, anzi l-attur esebixxa l-

permess li ghandu sabiex irabbi t-tigieg Dokument V1 a fol 39. Minkejja li l-kawza kienet differita diversi drabi sabiex il-konvenut jaghti x-xhieda tieghu, dana qatt ma deher. Bejn bl-iskuza tal-mard u bejn illi ma jidhrux, il-kawza twalet sabiex il-konvenuti jaghtu x-xhieda taghhom li qatt ma taw. Ghalhekk il-Qorti trid toqghod fuq ix-xhieda moghtija mill-atturi li hija wahda veritjera, tikkomprendi l-fatti speci kollha tal-kaz u kkorroborata wkoll bid-dokumenti. Ghalhekk il-Qorti jidrilha li t-talba ta' l-atturi timmerita konferma.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-atturi u tikkundanna lill-konvenuti li jhallsuhom is-somma ta' tlett elef, mija u sitta u disghin lira Maltin u sebgha centezmi (Lm3196.07) prezz ta' flieles u tigieg lilhom mibjugha u konsenjati bejn il-perijodu Gunju 2004 sa Novembru 2004.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------